MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Numru 267/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Micallef u**
**Joseph Tanti**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Micallef u Joseph Tanti talli fit-12 ta' Lulju 2004 ghall-habta tal-11.30pm fuq il-Gzira ta' Kemmuna (**1**) ikkaccjaw f'hin li ma jistax isir kacca tal-fenek salvagg u garrew arma tan-nar ikkargata u barra mill-ghata taghha; (**2**) ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw ghall-fenek selvagg fuq raba' jew art minghajr karta tar-registrazzjoni; (**3**) ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw bl-uzu ta' dawl artificjali; (**4**) ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw ghall-fenek selvagg f'santwarju ta' l-ghasafar; (**5**) kienu fil-pussess u kellhom taht kontroll taghhom fniek mejtin waqt li kienu f'santwarju ta' l-ghasafar; u (**6**) talli kienu fil-

pussess ta’ arma tan-nar u munizzjon f’santwarju ta’ l-ghasafar;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-11 ta’ Novembru 2004 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Carmelo Micallef u Joseph Tanti hatja u kkundannathom multa ta’ mitt lira (Lm100) kull wiehed, u ordnat il-konfiska ta’ l-oggetti ezibiti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Carmelo Micallef u Joseph Tanti minnhom ipprezentat fl-24 ta’ Novembru 2004 li permezz tieghu talbu ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju taz-zewg appellanti huwa bazikament wiehed: huma jikkontendu li m’ghandhomx jinstabu hatija skond id-diversi imputazzjonijiet peress li ma ghamlu xejn minn dak kollu lilhom imputat. Huma jghidu li dak li gara kien li kienu ghall-kacca f’Ghawdex u spiccaw Kemmuna biss meta dahlu jistkennu hemm minhabba l-bahar ftit inqalleb li beda jahkem.

Din il-Qorti, wara li semghet il-provi kollha, inkluz lill-appellant Carmelo Micallef minn jeddu – l-appellant l-iehor ghazel li ma jixhedx – hija tal-fehma li ma hemm ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti u l-konkluzzjoni minnha raggunta. Din il-Qorti tosserva biss a propositu illi kieku verament l-appellanti kienu Kemmuna f’dak il-lejl semplicement biex jistkennu mill-bahar, wiehed kien jistenna li huma jinfurmaw b’dan kemm lill-ufficjali tal-pulizija li sabuhom fuq il-post kif ukoll, jew ghall-anqas wara, lis-surgent tal-Ghassa tar-Rabat (fejn huma ttiehdu), u mhux ma jghidulhom xejn ghala kienu hemm biex imbghad wiehed minnhom johrog b’din l-istorja fil-qorti. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, semplicement ma temminx il-verzjoni tal-appellanti, tenut kont specjalment ta’ dak li huma wiegbu *a tempo vergine* lill-Kuntistabbli Farrugia u lill-Kuntistabbli Portelli meta dawn saqsewhom x’kienu qed jaghmlu hemhekk.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------